# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Robert Azzopardi u Clifford Bugeja**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjoni miġjuba fil-konfront ta` **Robert Azzopardi** detentur tal-karta tal-identita` numru 117994M **u Clifford Bugeja** detentur tal-karta tal-identita` numru 339395M, fejn ġew mixlija talli f'dawn il-Gżejjer fis-6 t'Awissu 2014 bejn in-nofs siegħa ta' fil-għodu u s-siegħa u nofs ta' fil-għodu f'San Ġiljan

1. Mingħajr ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja fil-perikolu ċar, ikkaġunaw ferita ta' natura ħafifa fil-ġisem ta' Brahim Benatsou;
2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kisru l-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied;
3. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebbew kontra Brahim Benastou, Rafik Beztout, Kashana Anne Elder u Louise Weddell sabiex jinġurjawhom, idejquhom jew jagħmlulhom ħsara;
4. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħadmu bħala aġenzija ta' gwardjani privati jew bħala gwardjani privati jew hekk offrew is-

servizzi tagħhom, mingħajr ma kellhom liċenza skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tipprovdi għall-garanzija ta' Branhim Benatsou, Rafik Beztout, Kashana Anne Elder u Louise Weddell skont l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħat ix-xhieda prodotti f'dan il-każ;

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat :-***

Din il-Qorti tħoss li għandha tgħaddi biex tiddelibera dwar ir-raba' imputazzjoni qabel l-ewwel, it-tieni u t-tielet waħda għar-raġunijiet li sejrin jiġu spjegati aktar l-isfel.

Illi kwantu għar-raba' imputazzjoni, il-Qorti tosserva li dan ir-reat huwa ipotizzat fil-konfront ta' persuna :

> li taħdem jew li tkun impjegata bħala gwardjan privat, gwardjan privat speċjalizzat jew gwardjan privat f'post ta' divertiment, jew gwardjan lokali bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liċenza maħruġa bis-saħħa tiegħu tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien;

Issa f'dan il-każ jirriżulta li Robert Azzopardi kellu liċenza ta' gwardjan privat u li skadiet fis-sitta ta' Mejju 2013. Mill-provi prodotti jirriżulta li wara dik id-data ma saret ebda applikazzjoni sabiex din il-liċenza tiġi mġedda. Il-Liġi teħtieġ reviżjoni permezz t'applikazzjoni u tiġdid tal-liċenza kull sena. Dan l-obbligu jidher li ma ġiex osservat minn Azzopardi li fid-data tal-inċident de quo jirriżulta li ma kienx fil-pussess ta' liċenza valida maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija. L-argument relattivament għad-data tal-iskadenza tat-tag li huwa għal ħames snin, bl-ebda mod ma jinnewtralizza l-obbligu tassattiv tiegħu li japplika għat-tiġdid tal-liċenza kull sena – kif del resto jidher miktub iswed fuq l-abjad anke fuq l-istess liċenza li ġiet maħruġa lilu. Għalhekk din il-Qorti hija konvinta moralment li anke hawnhekk Azzopardi żbalja.

Kwantu għal Bugeja, is-sitwazzjoni hija kemxejn differenti. Buġeja kellu l-liċenza ta' gwardjan privat imġedda regolarment s'Ottubru 2104. Dan ifisser għalhekk li huwa kien liċenzat jaħdem ta' gwardjan privat anke fil-jiem rilevanti għal dan il-każ. Issa l-Prosekuzzjoni qed targumenta pero li l-obbligu li Bugeja kellu kien li jkun fil-pussess ta' liċenza li tispeċifika li huwa kien awtorizzat li jaġixxi ta' gwardjan privat għall-postijiet ta' divertiment. Din il-klassifikazzjoni jidher li kienet diġa fis-seħħ meta huwa kien applika biex tiġġeddidlu l-liċenza. Ladarba huwa ma kienx jikkwalifika għaliha din minħabba li ma kellux ir-rekwiżiti ta' żmien biżżejjed, skont il-prosekuzzjoni meta huwa kien qiegħed jaġixxi

ta' gwardjan privat għall-postijiet ta' divertiment, huwa kien qiegħed jaġixxi bi ksur tal-liċenza li huwa ingħata mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Issa l-Qorti rat li verament mid-dokument a fol 154 jirriżulta li l-liċenza maħruġa lil Bugeja fl-14 t'Ottubru 2013 kienet maħruġa għal kategorija 1, ossija ta' gwardjan privat in kwantu għandu dik il-kaxxa biss li kienet ittikjata.

Minn qari tal-Liġi regolanti din il-materja wieħed jara li t-tifsira ta' gwardjan privat mogħtija mill-Artikolu 2 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta Malta tgħidlek li : -

> "gwardjan privat" tfisser individwu li hu impjegat jew li jaħdem ma' aġenzija ta' gwardjani privati fil-provvista ta' servizzi ta' gwardjani privati inklużi dawk is-servizzi f'post ta' divertiment u servizzi ta' gwardjani privati speċjalizzati;

Mill-banda l-oħra, ir-reat li bih jinstabu mixlija l-imputati jippenalizza mhux biss l-att li persuna taħdem ta' gwardjan privat bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Att de quo, iżda wkoll jekk jaħdem ta' gwardjan privat bi ksur ta' xi liċenza maħruġa bis-saħħa tal-istess Att.

Ir-regolament 7 tal-Avviż Legali 160 tal-1996, kif emendat, jipprovdi inter alia li liċenzi maħruġa lill-gwardjani privati għandhom jindikaw jekk id-detentur hux "Gwardjan Privat"," Gwardjani Privat fuq Post ta' Divertiment", "Gwardjani Privati Speċjalizzat (tas-sewqan)" jew "Gwardjan Privat Speċjalizzat (mhux tas-sewqan)" u jekk id-detentur jappartjeni għal iktar minn kategorija waħda ta' Gwardjan Privat, huwa

jkun meħtieġ li jkollu liċenza waħda biss li tindika l-kategorija/kategoriji tal-operazzjonijiet. B'hekk liċenza tista' tindika li d-detentur jista' jipprovdi servizzi f'xi waħda jew aktar mill-kategoriji li huma - Gwardjan Privat; Gwardjan Privat Speċjalizzat (tas-sewqan); Gwardjan Privat Speċjalizzat (mhux tas-sewqan); Gwardjan Privat fuq Post ta' Divertiment. Konsegwentement detentur ta' liċenza għandu jkollu dawk id-dmirijiet u setgħat li huma assenjati mill-Att u bir-regolamenti hawn fuq imsemmija.

B'hekk filwaqt li huwa minnu li legalment it-tifsira ta' gwardjan privat tinkludi dawk is-servizzi f'post ta' divertiment u servizzi ta' gwardjani privati speċjalizzati, mill-banda l-oħra sabiex persuna tkun f'qagħda li legalment tipprovdi dawk is-servizzi hija trid tkun wetqet l-obbligi li jkunu joħorġu mill-Att u mir-Regolamenti relattivament għal dik il-kategorija ta' servizzi li huwa jkun irid japplika. In definittiva, jekk huwa ried li japplika biex jopera bħala (1) gwardjan privat (2) fil-kategorija ta' servizz f'post ta' divertiment, il-liċenza maħruġa biex jopera bħala gwardjan privat mhix biżżejjed – anke jekk it-tifsira ta' gwardjan privat tinkludi dawk is-servizzi – u dan għaliex bis-saħħa tal-istess liġi kif riflessa fir-regolamenti tagħmilha obbligatorja fuq l-applikant li jissodisfa ċerti kriterji ta' taħriġ u li l-liċenza tiegħu tkun tindika għall-liema kategorija ta' servizz huwa jkun qiegħed jiġi liċenzat li jopera. Fin-nuqqas ta' dan, mhux possibbli li jingħad li persuna tkun debitament liċenzata biex tipprovdi dak is-servizz partikolari.

Ergo persuna liċenzata biex tipprovdi servizz ta' gwardjan privat, tista' tipprovdi dak is-servizz. Iżda biex tkun tista' legalment tipprovdi servizz ta' gwardjan privat f'post ta' divertiment teħtieġ li tkun speċifikament liċenzata għal dik il-kategorija ta' servizz. Fin-nuqqas ta' tali liċenzar dik il-persuna ma tistax topera bħala gwardjan privat f'post ta' divertiment. U jekk tagħmel dan tkun qegħda taġixxi jekk mhux ukoll bi ksur tal-Att prinċipali, żgur kontra l-kondizzjonijiet tal-liċenza tagħha. Dan l-aħħar ksur waħdu huwa suffiċjenti sabiex jintegra r-reat de quo fir-rigward ta' Bugeja.

B'hekk dan ir-reat jirriżulta integrat fil-konfront taż-żewġt imputati.

***Ikkunsidrat :-***

Illi kwantu għall-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-imputati jirriżulta li mill-erba' xhieda okulari prodotti mill-Prosekuzzjoni, tlieta jirrakkuntaw l-inċident b'mod li jinvolvi direttament lill-imputati jew lil min minnhom.

Louise Waddell tgħid li kien Clifford Bugeja li ta' d-daqqa lil dak li hija kienet tirreferi għalih bħala "Ryan", jew aħjar Brahim Benatsou. Mill-banda l-oħra hija tgħid li rat lill-imputat Robert Azzopardi iżomm lil "Rafik", ossija lil Rafik Beztout minn għonqu.

Il-vitma prinċipali, Brahim Benatsou, ossija dak riferit bħala Ryan mit-tfajliet, jidentifika lil Robert Azzopardi bħala l-aggressur tiegħu billi jtenni li kien dan li tah id-daqqa ta' ponn fuq għajnu l-leminija. In konsegwenza għal din id-daqqa, huwa sofra offiża (tal-anqas,) ta' natura ħafifa; kif del resto setgħet tikkonstata ad occhi nudi l-istess Qorti. Dan ix-xhud iżid li jaf li kien qiegħed jiġi miżmum minn għonqu minn raġel ieħor pero ma setgħax jidentifikah. Inoltre, lil Clifford Bugeja ma ftakarx jekk kienx involut fil-każ.

Rafik Beztout minn naħa tiegħu jidentifika wkoll lil Robert Azzopardi bħala dak li kemm ta d-daqqa ta' ponn lil Brahim Benatsou fuq għajnu l-leminija. Jgħid ukoll li wara li tah din id-daqqa, l-istess Azzopardi mar għalih u qabdu minn għonqu. Beżtout iżid li ra lil Clifford Bugeja jimbotta lil Benatsou pero ma raħx jagħti daqqiet.

Minn din ix-xena probatorja, din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien Robert Azzopardi li ta' d-daqqa ta' ponn li ssarrfet f'offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Brahim Benatsou. Iż-żewġt irġiel li xehdu kienu ferm aktar konvinċenti minn Louise Waddell dwar min effettivament ta' d-daqqa li kkaġunat il-ġrieħi sofferti minn Benatsou. Mill-banda l-oħra il-provi kontra Clifford Bugeja dwar dan ir-reat huwa biss dak mistqarra minn Louise Waddell. Izda din il-Qorti mhix qegħda tistrih fuq din il-verżjoni in kwantu hija kontrastata

minn dawn iż-żewġt xhieda li kienu direttament involuti fl-inċident aktar mill-qrib.

Għalkemm jidher li hemm xi varjanti fir-rapport PIRS preżentat mill-Prosekuzzjoni dwar l-involviment ta' Bugeja fl-aggressjoni aktar milli fiż-żamma tal-vitmi maskili, din il-verżjoni ma ġietx imtennija mix-xiehda viva voce bl-istess qawwa kontra tiegħu quddiem din il-Qorti (ħlief għal dak mistqarr minn Rafik Beztout aktar l-isfel imsemmija). Inoltre, minkejja li Azzopardi ġie ukoll imsemmi li aggredixxa lil Waddell billi taha daqqa ta' ponn, fix-xiehda viva voce tagħhom l-erba' xhieda ma jikkonfermawx b'mod ċar dan il-fatt. Din il-Qorti għalhekk sejra tissofferma ruħha fuq ir-responsabbilita għall-offiża ta' natura ħafifa kaġunata fil-persuna ta' Benatsou u tqis lil Azzopardi bħala responsabbli għaliha in bażi għall-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi dan l-inċident seħħ interament fl-istabbiliment bl-isem ta' "Havana" u qam wara argument li fih kienu involuti diversi nies fosthom l-erba' xhieda okulari li xehdu, persuni oħra li baqgħu mhux identifikati u għadd ta' uffiċjali tas-sigurta', li fosthom kien hemm l-imputati. Jidher li fost xi kommozzjoni li nqalgħet, kien hemm ukoll l-għotja tad-daqqa ta' ponn fuq għajnejn Benatsou, skont kif xehdu ż-żewġ xiehda da parti tal-

imputat Azzopardi. Minn naħa tiegħu Bugeja ġie identifikat minn Beztout bħala dak li, inter alia, imbotta lil Benatsou.

Dan l-inċident seħħ fi stabbiliment tad-divertiment ġestit mill-privat, iżda li fih jilqa' ammont kbir ta' nies li jmorru jiddevertu f'dawn it-tipi ta' stabbilimenti kull fil-għaxija, u b'mod partikolari fi tmiem il-ġimgħa.

Jirriżulta li dan l-inċident seħħ f'dan l-istabbiliment u fil-parti ta' fuq tiegħu. Preżenti għal dan l-inċident kien hemm diversi nies. Minbarra dawk li pparteċipaw attivament fih, ċjoe l-imputati u nies oħra li baqgħu mhux identifikati kien hemm ukoll Waddell, Bentasou u Beztout. Dawn it-tlieta b'xi mod kienu involuti fl-atti li tnislu minn dan l-inċident in kwantu jtennu li b'xi mod jew ieħor min qalgħa xi daqqa, min kien imbuttat u min ħassu stordut. Kien hemm ukoll Kashana Anne Elder li pero, għalkemm kienet flimkien ma' dawn it-tlieta, ma kienetx involuta direttament fil-parti "vjolenta" tal-inċident in kwantu hija tgħid li meta nqalgħet il-kommozzjoni hija tgħid li "I stepped back because people were hitting and I stepped back". Huwa ċar li din il-persuna, membru tal-pubbliku preżenti f'dan l-istabbiliment ma ħassethiex sikura f'dak il-post fejn kienet minħabba l-ġlieda li seħħet quddiemha. Dan il-ġest evidentement juri li hija kellha apprensjoni għall-inkolumnita tagħha inkwantu kieku ma kienx hekk ma kienetx tersaq lura. Tant hu hekk li a fol 70 iżżid li "They were fighting and I am small you know so I am not going over there. I stayed at the back. You know, I couldn't help him."

Fil-kawża jisimha "**Il-Pulizija vs Rocco D'Alessandro**" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Mejju 2013 mill-Imħallef Lawrence Quintano ingħad li : -

> Minħabba li l-ewwel imputazzjoni hija kusr volontarju tal-bon-ordni jew tal-paċi pubblika, il-Qorti qed tirreferi għassentenza 'Il-Pulizija versus Michael Camilleri et' tas-27 ta' Frar 2008 tal-Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta mill-Imħallef Dr.David Scicluna. F'dik is-sentenza nsibu dan li ġej dwar in-natura ta' din il-kontravenzjoni.
>
> 'Issa, kif gie spjegat fl-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Paul Busuttil' deciz fit-23 ta' Gunju 1994:
> "Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, dan ir-reat javvera ruħu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliża kien jissejjah 'a breach of the peace'. Din lekwiparazzjonita' dana r-reat mal-kunċett Ingliz ta' 'a breach of the peace' tirrisali għal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet 'Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et.,' kien qal hekk:
> 'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'(Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).1 Vol. LXXVIII.v.277.
>
> A skans ta' ħafna repetizzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza miġbura fl-artikolu intitolat 'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order' pubblikat fil-Vol. X ta' The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983) pagna 13 et seq., u specjalment pagni 28 sa 31. B'zieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wiehed jista' jghid li r-reat ta' 'breach of the peace' fil-ligi Skoċċiza jirrikjedi wkoll ċertu element, imqar f'ammont żgħir hafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb tagħhom. 'Scots Criminal Law', Edinburgh, Butterworths, 1992):
> 'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p.192).
>
> Naturalment huwa kwazi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz għar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet talpubbliku. Kif jgħid awtur ieħor Skoċċiż, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu 'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978):
> 'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p.985, para. 41- 01).

U aktar ‘il quddiem l-istess awtur jghid:
‘T. Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance’ (p. 986, para. 41-01).

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Spiteri deciz fl-24 ta’ Mejju 1996, din il-Qorti diversament presjeduta żiedet tgħid hekk:
“Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta’ ekwivoċi li l-kuncett ta’ ‘breach of the peace’ kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa’ minn kif gie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom ‘Criminal Law’ (Edinburgh, Sweet & Maxwell, 1992), b’referenza għal-liġi Skoċċiża in materja:
‘While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of the-peacetype phrase, such as ‘doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance’, this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so’ (p. 295).

Il-kuncett Ingliz ta’ ‘breach of the peace’ li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu ‘Offences Against Public Order’ (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:
‘Because of the association between ‘peace’ and ‘quiet’, there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is ‘any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry’. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading mo dern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell T. Watkins L.J. said:
‘T. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done’ (p.182).

Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f’moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta’ persuna jew dwar l-inkolumita` ta’ proprjeta`, kemm b’rizultat dirett ta’ dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta’ reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib.’

> Il-Qorti kkwotat minn din is-sentenza 'in extenso' għaliex l-ispjegazzjoni mogħtija tista' tgħin biex il-Prosekuzzjoni tkun tista' tiddeċiedi aħjar meta għandha tagħti din l-imputazzjoni u meta le.
>
> Minn dan il-każ jirriżulta li l-prinċipju li Qorti għandha ssegwi biex tar jekk kienx hemm ksur tal-ordni pubbliku huwa jekk mill-atti jirriżultax xi għemil volontarju li minnu nnifsu jnissel xi minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna dwar l-inkolumita' fiżika ta' persuna jew proprjeta'.

Stabbilit li dan ir-reat għalhekk huwa mudellat fuq ir-reat eżistenti fil-Common Law u li għalhekk l-interpretazzjoni li trid tingħata għandha jkollha wkoll il-bażi tagħha fuq dak is-sistema tad-dritt, jirriżulta li fil-kawża *McConnell v Chief Constable of Greater Manchester*[1] il-Qorti tal-Appell Kriminali tal-Ingilterra ikkonkludiet li r-reat ta' "breach of the peace" jista' jiġi kommess ukoll fi proprjeta privata anke jekk dan id-distub ikun ristrett għall-azzjoni ta' dawk il-persuni li kienu immedjatament involuti fil-kollutazzjoni **jekk** jirriżulta li kien hemm almenu membru wieħed tal-pubbliku li fiċ-ċirkostanzi raġonevolment ħassu disturbat b'dik il-kollutazzjoni li kienet għaddejja quddiemu. Il-kwistjoni ta' kemm verosimilment dan il-membru tal-pubbliku kien hekk disturbat hija kwistjoni ta' fatt li trid tiġi determinata mill-ġudikant u mhix kwistjoni ta' dritt. F'din il-kawża intqal ukoll li bħala regola "a purely domestic dispute will rarely amount to a breach of the peace. But in exceptional circumstances, it might well do so."

F'dan il-każ, il-Qorti tqis li l-kommozzjoni u l-kollutazzjoni li segwiet kienu tali li qajmu disturb almenu f'membru tal-pubbliku preżenti – ċjoe fil-persuna ta' Kashana Anne Elder u li għalhekk dan ir-reat jirriżulta

[1] [**1990**] 1 WLR 364.

integrat fil-konfront taż-żewġt imputati. Fil-fatt skont dak mistqarr mill-Imħallef Joseph Galea Debono fil-kawża fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Paul Pace* deċiża nhar it-3 t'April 2003 presjedenti l-Qorti tal-Appell Kriminali : -

> Umbaghad bil-fatt li fil-komparixxi ssemmew il-kliem "b'ghajjat u glied", dan ma jfissirx li nholot xi kontravvenzjoni gdida b'elementi godda , ghax din hi frazeologija li spiss tintuza fil-komparixxi biex tkopri eventwalitajiet simili ghal kaz in ezami , fejn ghallprosekuzzjoni ma jkunx maghruf bi precizjoni hux ser jirrizulta semplici atteggjament minaccjuz jew litigjuz b'ghajjat biss jew addiritura xi kuntatt fiziku wkoll . Imma lkontravvenzjoni tibqa' dik kif tissemma fil-ligi w l-ghajjat jew glied huma biss manifestazzjoni tal-ksur tal-buon ordni w mhux elementi kostituttivi tar-reat . Di fatti l-ligi ssemmi "B' xi mod ehor", mela ikun x'ikun il-mod li johloq il-"breach of the peace" sija ghajjat , sija glied , jew it-tnejn flimkien , il-kontravvenzjoni xorta tirrizulta.

Fil-fehma tal-Qorti, mill-provi prodotti jirriżulta li l-involviment u l-azzjoni tal-imputati, għalkemm b'modi u intensita ta' involvement differenti, xorta waħda tintegra dan ir-reat.

*Ikkunsidrat : -*

It-tielet imputazzjoni hija dik tal-ħebb kontra l-persuni tal-erba' xiehda pajżana barranin. Ġie soddisfaċentement pruvat li ż-żewġt imputati kienu qegħdin jaqdu doveri ta' gwardjani privati fil-lokal de quo. Issa gwardjani privati debitament liċenzati biex jipprovdu s-servizzi tagħhom f'post ta' divertiment għandhom bil-liġi stess setgħa li jikkontrollaw sitwazzjonijiet li jistgħu ikunu imqanqla jew fejn ikun ser jinqala' l-inkwiet. Fil-fatt l-istess Liġi li tirregola l-Gwardjani Privati, ċjoe l-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta tgħid li

> **12A.** (1) Gwardjan privat f'post ta' divertiment għandu jkollu s-setgħa li jwaqqaf xi persuna milli tidħol f'dak il-post ta' divertiment jekk dik il-persuna tkun magħrufa illi

> kkawżat storbju fl-imsemmi post jew f'postijiet oħra, inkluż permezz ta' vjolenza jew fastidju lil persuni oħra. Persuna tista' titwaqqaf milli tidħol jekk tirrifjuta illi, fuq talba, tipproduċi dokument ta' identifikazzjoni, jew li manifestament tidher intenzjonata li tikkawża storbju jew jekk persuna tidher vjolenti minħabba li tkun xurbana.
>
> (2) Meta persuna tikkawża storbju ġewwa post ta' divertiment permezz ta' mġiba vjolenti, il-gwardjan privat f'dak il-post ta' divertiment, għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex minnufih jinforma lill-Pulizija u għandu jkollu s-setgħa illi jżomm lil dik ilpersuna sakemm jasal uffiċjal tal-Pulizija.
>
> (3) Meta persuna tiffastidja persuna oħra f'post ta' divertiment, il-gwardjan privat minnufih għandu jinforma lill-Pulizija u għandu jkollu s-setgħa li jakkumpanja lil dik il-persuna 'l barra minn dak il-post jew iżommha sakemm jasal uffiċjal tal-Pulizija.
>
> (4) Fit-twettiq tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1), (2) u (3) il-gwardjan privat fil-post ta' divertiment jista' juża forza minima biss meta l-persuna tikser dawk l-ordnijiet mingħajr trażżin fiżiku.

Għalhekk din il-Qorti tikkonċedi li gwardjan privat debitament liċenzat fil-qadi ta' dmirijietu għandu s-setgħa li juża dik il-forza minima meħtieġa meta persuna tikser ordnijiet leġittimi mogħtija lilha mingħajr trażżin fiżiku.

Issa f'dan il-każ, il-Qorti tqis li in bażi għall-dak provdut aktar il-fuq fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, l-imputati ma kienux debitament liċenzati sabiex jipprovdu servizzi ta' gwardjani privati f'post ta' divertiment. Dan ifisser li f'dak il-mument is-setgħa mogħtija lil gwardjani privati liċenzati biex jipprovdu servizzi f'postijiet ta' divertiment hawn fuq imsemmija ma kienx japplika għalihom.

Mix-mismugħa quddiemha jirriżulta li Azzopardi mhux biss ta' d-daqqa ta' ponn lil Benatsou iżda jirriżulta wkoll soddisfaċentement ipprovat li Azzopardi ukoll ħebb għal Benatsou. Inoltre, mix-xiehda tal-erba'

pajżana f'dan il-każ ġie wkoll pruvat soddisfaċentement li Clifford Buġeja wkoll kellu sehem f'danl-inċident u jekk ma kienx dak li ta' d-daqqa li ssarfet f'offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Benatsou, kien żgur, skont Rafik Beztout involut fl-imbuttar tal-istess Benatsou. Dawn l-atti magħmulin f'kuntest fejn Bugeja ma kienx ukoll liċenzat biex jipprovdi servizzi ta' gwardjan privat f'postijiet ta' divertiment magħquda mal-fatt li mill-provi joħroġ li l-azzjoni ta' Bugeja kienet voluta, tintegra r-reat kontravvenzjonali de quo wkoll fil-konfront tiegħu.

## *Deċide*

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda ssib :

(a) lill-imputat Robert Azzopardi ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 17, 221(1), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li rat il-fedina penali netta tiegħu, wara li qieset li fiċ-ċirkostanzi hemm lok li jiġi applikat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tagħmel ordni li permezz tagħha tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi zmien sentejn snin millum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-

liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Inoltre stante li l-Artikolu 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijet ta' Malta jippreskrivi wkoll il-piena tal-multa, flimkien ma din l-ordni, il-Qorti qegħda wkoll tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' multa ta' elfejn euro (€2000).

(b) il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat Clifford Bugeja mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena iżda fl-istess ħin qegħda ssibu ħati tat-tieni, tielet u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 17, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijet ta' Malta, u wara li rat il-fedina penali netta tiegħu, wara li qieset li fiċ-ċirkostanzi hemm lok li jiġi applikat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijet ta' Malta qegħda tagħmel ordni li permezz tagħha tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi zmien sena snin millum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Inoltre stante li l-Artikolu 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijet ta' Malta jippreskrivi wkoll il-piena tal-multa, flimkien ma din l-ordni, il-Qorti qegħda wkoll tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' multa ta' elf euro (€1000).

***Mogħtija illum it-30 ta' Settembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***

28/08/2015 12:07:05